*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,656, 2 ta' Lulju, 2021*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXXVI tal-2021**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT li jemenda liġijiet varji relatati mal-mediċini perikoluż.**

**ACT No. XXXVI of 2021**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend various laws on dangerous drugs.**

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

2 ta' Lulju, 2021

## ATT Nru XXXVI tal-2021

*ATT li jemenda liġijiet varji relatati mal-mediċini perikolużi.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Mediċini Perikolużi. Titolu fil-qosor.

### TAQSIMA I
### Emendi għall-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza prinċipali". Emendi tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap. 31.

**3.** L-ewwel proviso għas-subartikolu (7) tal-artikolu 120A tal- Emenda tal-artikolu 120A tal-Ordinanza prinċipali.

Ordinanza prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation*, Kap. 446. il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:".

Emenda tal-artikolu 120Ċ tal-Ordinanza prinċipali.

**4.** Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 120Ċ tal-Ordinanza prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Waqt li tkun qed issir investigazzjoni ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Pulizija Eżekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar dak ir-reat; u l-maġistrat għandu minnufih jisma' lil dik il-persuna bil-ġurament.

(5) Għall-fini ta' smigħ bil-ġurament ta' persuna kif provdut fis-subartikolu (4) il-maġistrat għandu jkollu l-istess setgħat li bil-liġi għandha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja kif ukoll is-setgħat imsemmija fl-artikolu 554 Kap. 9. tal-Kodiċi Kriminali; iżda dak is-smigħ għandu dejjem isir bil-magħluq.".

## TAQSIMA II
## Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż

Emendi tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż. Kap. 101.

**5.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza prinċipali".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Ordinanza prinċipali.

**6.** L-ewwel proviso għas-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-

Ordinanza prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation*, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:".

Kap. 446.

**7.** L-artikolu 29 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) u minnufih wara għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

Emenda tal-artikolu 29 tal-Ordinanza prinċipali.

"(2) Il-piena għandha titnaqqas ukoll kif provdut fis-subartikolu (1) meta l-persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza tkun għenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew persuni involuti f'kospirazzjoni għat-traffikar tal-mediċini, jew tkun għenet lill-pulizija biex tinqabad il-persuna jew persuni li għalihom il-mediċini kienu maħsuba għat-traffikar.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), fejn huwa ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza kienet għenet lill-pulizija iżda għal kwalunkwe raġuni b'mod ċar lil hinn mill-kontroll tagħha, il-persuna jew persuni li fornewha bil-mediċini jew il-persuna jew persuni involuti fit-traffikar tal-mediċini, jew il-persuna jew persuni li għalihom il-mediċini kienu maħsuba għat-traffikar ma nqabdux, il-qorti tista', meta tkun sodisfatta b'tali ċirkostanza, tnaqqas il-piena fir-rigward ta' priġunerija bi grad u fir-rigward ta' kwalunkwe piena pekunjarja b'terz.

(4) Tnaqqis fil-piena taħt dan l-artikolu għandu jingħata biss f'termini ta' wieħed mis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu għall-istess każ.".

**8.** L-artikolu 30 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) u minnufih wara għandu jiżdied is-

Emenda tal-artikolu 30 tal-Ordinanza prinċipali.

subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat f'xi reat kontra din l-Ordinanza jew kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li jinstema' quddiem il-ġurati jkun persuna kompliċi, il-qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurija biex jiżnu x-xhieda tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.".

Kap. 31.

Emenda tal-artikolu 30B tal-Ordinanza prinċipali.

**9.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 30B tal-Ordinanza prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor" għandhom jiżdiedu l-kliem ", intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment,".

## TAQSIMA III
## Emendi għall-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)

Emendi tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Kap. 537.

**10.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

**11.** Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord għandu jaġixxi b'mod indipendenti u imparzjali u għandu jkun soġġett għas-superviżjoni ġenerali tal-qrati ta' ġuriżdizzjoni kriminali kif provdut f'dan l-artikolu.

(7) Fejn kwalunkwe persuna li tiġi riferuta lill-Bord minn qorti tkun tixtieq tikkontesta deċiżjoni meħuda fir-rigward tagħha mill-Bord:

(a) dik il-persuna tista' tippreżenta rikors għall-iskop imsemmi quddiem il-qorti li biha ġiet riferuta lill-Bord;

(b) l-imsemmija qorti għandha, meta tikkunsidra r-rikors, tagħti konsiderazzjoni xierqa tar-raġunijiet tal-ilment, tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Bord, u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra li hija tista' titlob mill-Bord; u

(ċ) il-qorti tista' jew tikkonferma l-qbil tagħha mad-deċiżjoni tal-Bord jew tirreferi l-kwistjoni lura lill-Bord b'direzzjoni għall-varjazzjoni tad-deċiżjoni.

(8) Il-proċedura pprovduta fis-subartikolu (7) għandha tapplika wkoll għal deċiżjonijiet meħuda mill-Bord fir-rigward ta' persuni li jiġu riferuti lilu minn Kummissarju għall-Ġustizzja f'liema każ ir-rikors imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (7) għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-gżira fejn jirrisjedi r-rikorrent.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) il-paragrafi (b) u (ċ) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a) u (b) rispettivament.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 480 tat-28 ta' Ġunju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*